C/2024/5912

1.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Settembru 2024

li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024

(C/2024/5912)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

— il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2024 ġie adottat definittivament fit-22 ta' Novembru 2023 ([2]);

— fid-19 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2024;

— jeħtieġ li l-Kunsill jipproċedi mingħajr dewmien bl-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għall-baġit ġenerali għall-2024, bil-ħsieb li b'mod urġenti (a) jiġi aġġornat n-naħa tad-dħul tal-baġit, (b) tissaħħaħ l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA); l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER); l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA); il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA); l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust); l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u (c) il-proċediment għal tnaqqis ta' darba fil-persunal u l-kontribuzzjoni tal-UE lill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA). Għaldaqstant, hu ġustifikat li tiġi prevista eċċezzjoni mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 ġiet adottata fit-23 ta' Settembru 2024.

It-test sħiħ huwa disponibbli għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil mis-sit web tal-Kunsill: https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/public-register/public-register-search/.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

FELDMAN Z.

([1]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([2]) ĠU L, 2024/207, 22.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/budget/2024/207/oj.